# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 5 ta’ Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 14**

**Citaz. Nru. 477/01GV**

Doc. 132-01

**Simon Buttigieg u Anna Brignano**

**vs**

**Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u Direttur tal-Habs, u Dr. Godwin Grima, Chairperson tal-Bord ta’ Dixxiplina**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi kontra l-atturi saru akkuzi ta’ natura dixxiplinarja dwar fatti illi jirrisalu ghad-19 ta’ Mejju, 2000 illi kien bi hsiebu jiehu passi dixxiplinarji skond ir-regolament 20 (2) tar-Regolamenti tan-1999 dwar is-servizz pubbliku (Procedura ta’ Dixxiplina).

Premess illi sussegwement skond ir-regolament 21 ta’ l-istess regolamenti, gie mahtur Board ta’ Dixxiplina taht Dr. Godwin Grima tal-Ministeru ta’ l-Intern li

certament dahal fil-funzjoni fis-6 ta' Lulju tas-sena 2000 u dana skond ittra illi Dr. Godwin Grima baghat bl-indirizz tar-Registru ta' l-Artijiet, 116, Triq il-Punent, Valletta.

Premess illi skond ir-regolament 22 (1) u (4), huwa stabbilit illi fi zmien 30 gurnata il-Bord ta' Dixxiplina ghandu jistabbilixxi il-fatti u jibaghat il-konkluzjonijiet tieghu lill-Kap tad-Dipartiment u lill-ufficjal akkuzat kemm jista' jkun malajr u fl-ebda kaz aktar mill-imsemmija 30 gurnata ta' xoghol mid-data li fiha l-kaz ikun intbaghat lill-Bord.

Premess illi fis-subartiklu 4 tar-Regolament 22, jinghad illi l-perjodu ta' 30 jum ta' xoghol specifikat fil-paragrafu 1 ta' dan Ir-regolament jista' ghal raguni valida jigi mtawwal mill-Kap tad-Dipartiment sa massimu ta' 30 jum ta' xoghol ohra.

Premess illi l-ewwel seduta saret fl-24 ta' Lulju, 2000 u hemm seduta ohra iffissata ghat-22 ta' Jannar, 2001 fis-2:30pm, u ghalhekk huwa manifest illi ghaddew kemm it-terminu originali ta' 30 jum ta' xoghol kif ukoll it-terminu massimu li d-Direttur seta' jestendi ghar-raguni tajba.

Premess illi dana jgib il-konsegwenza li l-istess Bord ta' Dixxiplina ma ghadx baqaghlu awtorita' ghaliex issa qed jagixxi *ultra vires* u barra it-terminu lilu koncess mill-Ligi li torbot lill-Ufficjal Pubbliku akkuzat imma daqstant iehor torbot lill-Bord ta' Dixxiplina.

Premess illi r-regolament 22 ma jaghmel l-ebda eccezzjoni dwar prorogi hlief dawk imsemmija u ghalhekk il-Bord qieghed jagixxi *ultra vires* u d-direttur ma jistax aktar jibqa' jistrieh fuq il-Bord hekk imwaqqaf peress illi skada it-terminu massimu li fih seta' jinstema' u jigi determinat il-kaz.

Premess illi l-iskop tar-regolamenti tan-1999 u specjalment ta' l-artikolu 22 huwa manifestament intizi biex lill-ufficjal pubbliku akkuzat ma jibqax jistenna snin f'sitwazzjoni gravuza ghalih u ghalhekk gie impost terminu finali u perentorju ghall-konkluzjoni ta' tali proceduri ta' dixxiplina.

Premess illi l-proceduri issa huma wkoll kontra l-Ligi u li l-istess proceduri Dixxiplinari kif qed jigu issa proposti u mmexxija jikkostitwixxu ksur ta' l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1 tiddikjara li l-proceduri dixxiplinari proposti mill-konvenut Direttur tal-Habs u prosegwiti mill-konvenut l-iehor c-Chairman tal-Bord, Dr. Godwin Grima, huma *ultra vires*, kontra l-ligi, u b'lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-attur, u ghalhekk nulli u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramenta tal-atturi a fol. 9 tal-process;

Rat in-nota ta' Eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin et. a fol. 14 tal-process fejn eccepew:

1 illi preliminarjament ic-citazzjoni ta' l-atturi hi nulla in kwantu ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest gudizzjarju *ai termini* ta' l-artikolu 460 tal-Kap. 12;

2 illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-premessi kollha u t-talba ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi skond l-istess regolamenti minnhom msemmija u senjatament fir-regolament 22(5), huwa permess li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku taghti direttivi opportuni biex il-perjodi hemm provduti jigu estizi;

3 illi bla pregudizzju ghas-suespost, inoltre kienu l-istess difensuri ta' l-atturi li ripetutament talbu differiment wara l-iehor minhabba mpenji professjonali ohra taghhom u li ghalhekk tawlu hafna l-andament tal-proceduri, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4 illi subordinatament u minghajr pregudizzju, skond gurisprudenza pacifika tal-Qorti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gewwa Strasbourg, il-kwistjonijiet kollha sollevati mill-atturi dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 6(1) huma inammissibbli *ratione materiae* taht l-istess Konvenzjoni oltre l-irritwalita' procedurali ta' l-att gudizzjarju promotur taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saru ebda noti;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li dina l-Qorti: tiddikjara li l-proceduri dixxiplinari proposti mill-konvenut Direttur tal-Habs u prosegwiti mill-konvenut l-iehor c-Chairman tal-Bord, Dr. Godwin Grima, huma *ultra vires*, kontra l-ligi, u b'lezjoni tad-drittijiet fondamentali ta' l-atturi u ghalhekk nulli u bla effett.

**ECCEZZJONIJIET**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, ghalkemm din ma gietx irtirata formalment, izda, wara li l-atturi pprezentaw id-dokument (Protest) a fol. 18, il-konvenuti ma baqghux jinsistu fuq din l-eccezzjoni, tant li ressqu l-provi taghhom fil-mertu.

Il-konvenuti eccepew ukoll li skond ir-regolamenti tan-1999 dwar is-Servizz Pubbliku (Procedura ta' Dixxiplina) 22 (5) huwa permess li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku taghti direttivi opportuni biex il-perjodi hemm provduti jigu estizi.

Inoltre kienu l-istess difensuri ta' l-atturi li ripetutament talbu differiment wara l-iehor minhabba mpenji professjonali ohra taghhom u ghalhekk tawlu hafna l-andament tal-proceduri.

Il-kwistjonijiet kollha sollevati mill-atturi dwar l-allegat ksur ta' l-artikolu 6 (1) huma inammissibili *rationae materiae* taht l-istess Konvenzjoni oltre l-irritwalita' procedurali ta' l-att gudizzjarju promotur taghhom.

**PROVI**

**L-attur Simon Buttigieg** fl-affidavit tieghu qal li kien mgharraf li kienu ser jittiehdu passi dixxiplinari kontra tieghu u kien irrisponda b'ittra datata 22 ta' Mejju, 2000. Imbaghad gie nfurmat li l-Bord kien ser izomm seduta fl-24 ta' Lulju, 2000. Minn meta harget is-sospensjoni cioe' fil-19 ta' Mejju, 2000 sal 24 ta' Lulju, 2000 kienu diga ghaddew it-30 gurnata msemmija fir-regolamenti art. 22 (1). L-ewwel seduta proprja saret fil-1 ta' Awissu, 2000. Minn Awissu sa Jannar imbaghad ma sar xejn.

**Il-konvenut Direttur tal-Facilita' Korrettiva,** xehed li kien informa lill-atturi li kien ser jiehu passi dixxiplinari kontra taghhom u kien issospendihom mix-xoghol. Kien kiteb lill-P.S.C. u l-atturi gew *interdicted*. Kienu bdew il-proceduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina mahtur skond ir-regolamenti dwar is-Servizz Pubbliku. Hu kien dejjem prezenti ghas-seduti. It-tletin gurnata msemmija fir-regolamenti ghaddew.

**Dr. Godwin Grima** xehed li kien gie appuntat Chairman tal-Bord ta' Dixxiplina u kien iffissa seduti. *L-appointment* tieghu hareg fis-16 ta' Gunju, 2000 (ara dok. fol. 25) pero' kien irceva l-ittra bl-inkarigu fil-21 ta' Gunju, 2000 (fol. 27) u kellu jispicca l-proceduri fi zmien 30 gurnata minn meta jircevi l-ittra (fol. 26). Il-proceduri ghadhom ma gewx konkluzi. Kienu ntalbu diversi *extensions* lill-PSC u dawn inghataw. Kienet giet iffissata l-ewwel seduta u dina thassret fuq talba tal-Avukati difensuri. Fil-fatt kull darba li l-Avukati difensuri talbu ghal differiment dan inghata. Kienet saret talba ghall differiment minn Dr. G. Caruana Curran b'Ittra 17/7/2000 u dina ntlaqghet (fol. 32). Fl-istess data saret talba simili minn Dr. Mallia (fol. 33). Minhabba f'hekk intalbu diversi estenzjonijiet. L-ewwel wahda tinghata minn min jahtar il-Bord u l-ohrajn mill-P.S.C. Fit-31/7/2000 saret *extension* (ara fol. 27). L-ahhar *extension* kien fis-26 ta' April, fejn tawhom *time limit* ghal prezentata sat-28 ta' Gunju.

It-talbiet ghall-*extension* kienu jsiru mill-Kap tad-Dipartiment. Kull estensjoni giet awtorizzata mill-P.S.C. It-talbiet ghal differiment saru dejjem mid-difensuri ta' l-atturi (ara fol. 34-35; 37-38; 40) Is-seduti kienu damu sospizi minn xi Lulju sa Dicembru meta kienu talbu parir lill-P.S.C. u l-parir dam ma gie. Fil-frattemp il-P.S.C. kienet ipprorogat it-terminu ghall-24 ta' Jannar, 2001 biex huma jkomplu jipprocedu (ara ittra a fol. 29). It-terminu kien rega gie estiz ghat-23 ta' April, 2001 (fol. 30) u ghat-28 ta' Gunju, 2001 (ara fol. 31).

**LIGI**

Skond ir-regolamenti tan-1999 dwar is-Servizz Pubbliku;

**20.** (1) Meta Kap ta' Dipartiment jidhirlu li seta' twettaq xi reat kriminali minn ufficjal li jkun taht il-gurisdizzjoni tieghu, ghandha tigi addottata l-procedura skond ir-regolamenti 13 sa 16.

(2) Kull meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li ufficjal fid-dipartiment tieghu jista' jkun hati ta' mgieba hazina jew ksur ta' dixxiplina, ghandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet li gejjin:

……

**22.** (1) Kull Bord ta' Dixxiplina mahtur skond ir-regolament 21 biex jistharreg il-kaz, ghandu jistabbilixxi l-fatti u jibghat il-konkluzzjonijiet tieghu lill-Kap tad-Dipartiment u lill-ufficjal akkuzat kemm jista' jkun malajr <u>u f'ebda kaz aktar tard minn tletin jum tax-xoghol mid-data li fiha l-kaz ikun intbaghat lilu.</u>

(4) Il-perjodu ta' tletin jum tax-xoghol specifikat fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament jista' ghal raguni valida jigi mtawwal mill-Kap tad-Dipartiment sa massimu ta' tletin jum tax-xoghol ohra.

(5) Meta jkun hemm ragunijiet serji u gustifikati li, fil-fehma tal-Kap tad-Dipartiment, ikunu jipprekludu l-Bord milli jaghmel rapport dwar il-konkluzjonijiet tieghu iktar kmieni mill-perjodu preskritt ta' tletin jum u kull estensjoni taghhom, il-Kap tad-Dipartiment ghandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni ghal kull direzzjoni li tista' taghti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-seduti damu ma nzammu skond kif jitlobu r-regolamenti billi l-istess difensuri ta' l-atturi kienu qed jitolbu differimenti wiehed wara l-iehor billi ma setghux jattendu ghas-seduti, u ghalkemm il-Bord setgha jghaddi minghajr l-Avukati, hass li minhabba s-serjeta' tal-kaz l-Avukati kellhom ikunu prezenti. Is-seduti eventwalment saru meta l-Avukati setghu jattendu u bi ftehim maghhom. L-ewwel seduta saret meta l-Avukati setghu jkunu hemm.

Jirrizulta wkoll li l-Bord minhabba t-talbiet ta' l-Avukati ta' l-atturi ghall differimenti kull darba kellhom jitolbu *extension* minghand il-P.S.C. u kull darba dawn inghataw kif jidher mill-korrispondenza ezibita. L-estensjoni saret anke meta l-Bord kien qed jistenna l-parir legali fuq l-eccezzjonijiet sollevati mill-atturi quddiem il-Bord. Dawn l-estenzjonijiet setghu jinghataw skond ir-regolament tan-1999 art. 22 (5).

Il-Qorti tirrileva li d-differimenti kollha ntalbu mill-atturi u mhux mid-Dipartment.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi prevja li tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti tichad it-talba attrici; bl-ispejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**